# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru : 501/2015/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 501/2015/1 LSO fl-ismijiet :**

**Josephine Cutajar**

**vs**

**Mark Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors b’ urgenza ta’ Josephine Cutajar (ID Nru 728155M) datat 25 ta’ Gunju 2015 fejn esponiet: -

Illi bil-provvediment taghha tat-23 ta' April 2015 din l-Onorabbli Qorti kienet inibit lill-intimat, kemm personalment u/jew permezz ta' terzi milli jaghmel kull tip ta' xoghol, u/jew zvilupp, u/jew kostruzzjoni, u/jew demolizzjoni, u/jew rimozzjoni u/jew tqattiegh ta' blat f’dik il-parti tas-sit proprjeta' tal-istess intimat, senjatament Plot No. 5, Sqaq Numru 2, Triq San Anard, Kirkop li tmiss mal-proprjeta` tal-esponenti u dan **sakemm** isiru x-xoghlijiet rakkomandati mill-Perit Alan Saliba fir-rapport tieghu fl-atti ta' dan il-mandat, senjatament dawk elenkati fil-paragrafu 2.7 tar-rapport;

Illi l-esponenti ghandha dubji serji u gustifikati dwar kemm l-intimat ottempera ruhu ma’ dak rakkomandat mill-Perit Alan Saliba fir-rapport tieghu, u konsegwentement ordnat illi jaghmel minn din l-Onorabbli Qorti bil-provvediment taghha tat-23 ta' April 2015 surreferit. Illi f’ dan ir-rigward din l-Onorabbli Qorti pprovdiet billi tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat *stante* li jezistu l-elementi rikjesti mil-Ligi u li tali mandat ghandu jibqa' *in vigore* sakemm ma jsirux ix-xoghlijiet rakkomandati mill-Perit Tekniku Alan Saliba;

Illi b'mod partikolari, hemm dubji serji u gustifikati dwar kemm l-intimat (1) rifed ir-rampa illi hemm iserrah mal-istess hajt li bena l-intimat billi jibni hajt tahtha; (2) naddaf u saffa l-blat, partikolarment fil-fissuri li jinkixfu; (3) uza

konkos tal-grad C30 minn fuq blat rinforzat b'xibka tip A503 u bi tliet vireg T12 bhala 'distribution bars' - matul il-parti kollha tal-hajt li tmiss mal-esponenti ghall-gholi kollu tal-blat - bil-konkos imiss mal-blat, wiesgha tmintax centimetri (18cm) mill-hajt divizorju u ghall-gholi kollu sakemm jitghatta l-blat; u (4) jekk f'dan il-hajt tal-konkos ghamilx tminn (8) vireg T20 (L-Shape 2 piedi x 2 piedi) ingasati permezz ta' "non-shrink grout" f'toqob tal-pulzier fil-blat li jkunu marbuta b'xibka msemmja tat-tip A503 fil-hajt tal-konkos, fost ohrajn;

Illi ulterjorment, l-esponenti ma tafx jekk ix-xoghlijiet illi gie ordnat jaghmel l-intimat sarux taht is-sorveljanza effettiva tal-Perit Tekniku Alan Saliba u jekk tali xoghlijiet gewx hekk certifikati mill-istess abbli Perit - kif wara kollox gie provdut u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fl-ahhar paragrafu tal-provvediment sopra citat;

Illi mhux hekk biss, izda jirrizulta illi l-istess intimat issa qed itella' l-hajt tal-*bricks* u jsaqqaf, jew jaghmel xoghol iehor li jmur **oltre** minn dak provdut u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, u cioe' xoghol li mhux suppost qed isir *stante* li l-intimat huwa legalment inibit milli jaghmlu;

Illi ghalhekk, fl-umili fehma tal-esponenti, jaf hemm lok ta' pregudizzju serju u gravi ghad-drittijiet civili taghha, kif ukoll ta' disprezz da parti tal-intimat lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tappunta data u hin ghas-smigh ta' dan ir-rikors, ikun opportun, fic-cirkostanzi, illi jissejjah il-Perit Alan Saliba sabiex din l-Onorabbli Qorti tisma' x'ghandu xi jghid dwar dan il-kaz u dwar l-inkarigu tieghu.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

**1. Tiddikjara** illi l-intimat jew terzi mqabbdin minnu ma ottemperax ruhu kif suppost ma' dak provdut u ordnat fil-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 501/2015/1 LSO deciz fit-23 ta' April 2015, senjatament illi ma mexiex skont kif rakkomandat mill-Perit Alan Saliba;

**2. Tiddikjara** illi tali xoghlijiet illi wettaq l-intimat jew minn terzi mqabbdin minnu ma sarux taht is-sorvelljanza tal-istess Perit Alan Saliba u lanqas ma gew iccertifikati mill-imsemmi Perit;

**3. Tiddikjara** illi l-intimat jew terzi mqabbdin minnu wettaq xoghlijiet ulterjuri li jmorru *oltre* minn dak li gie permess li jaghmel bil-provvediment tat-23 ta' April 2015 succitat;

4. Konsgwentement, **taghti** dawk l-ordniijiet u direttivi opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz ghas-salvagwardja tad-drittijiet tal-esponenti, inkluz li tinibixxi lill-intimat milli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol iehor tul il-hajt divizorju kollu bejn il-proprjeta' tal-esponenti u tal-intimat, kif ukoll, u

f'kaz li jirrikorru l-elementi skont il-ligi, issibu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u timponi penali gusta fil-konfront tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Gunju 2015 (fol 3) fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat Inibizzjoni 501/15 LSO. Ordnat n-notifika tal-kontro-parti b'erbat (4) ijiem ghar-risposta. Appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghas-7 ta' Lulju 2015 fid-09:30 a.m. Ordnat li l-Perit Alan Saliba jipprezenta Nota sad-differiment moghti fejn jispjega jekk sarux xoghlijiet taht is-supervizjoni tieghu in segwitu ghan-nomina tieghu. Ordnat notifika tar-rikors u digriet lill-kontro-parti.

Rat ir-risposta ta' Mark Vella ID. 403080(M) datata 6 ta' Lulju 2015 (fol 4) fejn espona:

Illi l-esponent gie nnotifikat bir-rikors sudett nhar it-2 ta' Lulju 2015;

Illi l-esponent qed jopponi bil-qawwa kollha dak li hemm kontenut fir-rikors promutur ta' Josephine Cutajar bhala infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Illi dak kontenut fir-rikors huwa frivolu u hija l-*ennesima volta* li qed tipprova tattakka lill-esponent u dan wara: 2 mandati ta' inibizzjoni, kawza civili, 2 rikorsi ghal disprezz u 3 rapporti kriminali li kollha marru kontra taghha;

Illi fir-realta' ix-xoghol kollu saru mija fil-mija skont dak ordnat mill-Qorti fil-provvediment taghha u skont kif rakkomandat mill-perit tekniku;

Illi b'mod partikolari:

(1) ir-rampa giet mfruda u dan skont ir-ritratti tal-perit tekniku fir-rapport tieghu (ara ritratt 02 u 03).

(2) il-blat li kien hemm taht il-pedament kien blat shih u ma kellux fissuri u dan kif gie stabbilit f' diversi okkazzjonijiet f' dawn il-proceduri.

(3) il-konkos uzat huwa C30 u gie rinforzat b'xibka A503 u bi tliet vireg T12 kif fil-fatt jidher mir-ritratt 01 fir-rapport tal-perit. Bil-konkos baqa' sejjer mhux biss sal-livell tal-blat imma baqa' tiela' sal-livell tal-pedament tar-rikorrenti.

(4) il-vireg L Shape saru kollha skont dak ordnat fil-provvediment;

Illi l-perit gie jara x-xoghol tant li l-esponent kien kontinwament in kuntatt mieghu;

Illi l-esponent m'ghamel xejn li bih jikser l-ordni tal-provvediment u ma jistax jinsab hati ta' disprezz jekk dan mexa kelma b'kelma ma' l-ordni tal-Qorti;

Illi jerga' jigi ribadit li dan huwa xejn hlief tentattiv iehor tar-rikorrenti biex ittellef u twaqqaf lill-esponent milli jkompli jibni d-dar tieghu;

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li qed jaghmel referenza ghal dak fuq espost u jichad dak li hemm kontenut fir-rikors promutur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad l-imsemmi rikors u tilqa' din ir-risposta u dan ghar-ragunijiet fuq esposti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta nkluz dak tal-20 ta’ Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Xehed in eskussjoni l-Perit Tekniku Alan Saliba, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Sciberras iddikjara li pprezenta rikors guramentat fl-istess ismijiet minhabba li l-intimat ma zammx id-distanzi legali kif ukoll ghad-danni, u jzomm ferm dawk it-talbiet minkejja r-rapport addizzjonali tal-Perit Alan Saliba. *Inoltre* mhux ser jinsisiti ghat-talba tieghu li tirreferi ghad-disprezz kontra l-intimat, izda insista li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinzamm *in vigore*. Ir-rikorrenti fid-dawl tad-depozizzjoni moghtijia mill-PT Alan Saliba talbet illi l-provvediment moghti minn din l-Onor. Qorti fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 501/2015/LSO, jibqa' fis-sehh, u cioe` relattiv ghal dik il-parti, u fis-sens ukoll li l-intimat jigi inibit milli jkompli jtella' dak il-hajt divizorju. Dr Mifsud Cutajar iddikjara li l-Perit Tekniku Alan Saliba xehed li huwa ezegwixxa x-xoghlijiet ordnati. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan ir-rikors *ai termini* tal-**artikolu 873(4) tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** kif ukoll ghall-kundanna tal-intimat ghad-disprezz lejn l-awtorita' ta' dain il-Qorti.

L-artikolu 873(4) tal-Kap. Tnax jipprovdi:-

*"Illi jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ntghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita".*

Illi huwa evidenti li dan is-subartikolu irid jinqara b'riferenza ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 873 (1)** fejn il-mandat ta' inibizzjoni huwa deskritt bhala dak "*li jzomm persuna milli tibda jew tissokta bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli jhott jew jaghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat".*

Illi l-ordni tal-Qorti li ghaliha qed tirriferi r-rikorrenti inghatat fit-23 ta' April 2015 fl-istess ismijiet (Mandat Numru 501/15/1 LSO) fejn l-intimat gie inibit kemm personalment u/jew permezz ta' terzi, milli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol, u/jew zvilupp, u/jew kostruzzjoni, u/jew demolizzjoni, u/jew rimozzjoni u/jew tqattiegh ta' blat f'dik il-parti tas-sit proprjeta` tal-intimat, senjatament Plot No. 5, Sqaq Numru 2, Triq San Anard, Kirkop, Malta li tmiss mal-proprjeta' tar-rikorrenti u dan **sakemm** isiru x-xoghlijiet rakkommandati mill-Perit Alan Saliba fir-rapport tieghu fl-atti ta' dan il-Mandat senjatament dawk elenkati fil-paragrafu 2.7. tar-rapport, liema xoghlijiet huma s-segwenti:

*"1. Jitneħħa l-ħajt tal-kantun li bena l-Intimat mal-blat fil-parti fejn imiss mar-Rikorrenta filwaqt li jirfed ir-rampa li hemm isserraħ mal-istess ħajt billi jibni ħajt taħtha.*
*2. Titneħħa l-'membrane' vertikali li hemm mal-blat.*
*3. Jitnaddaf u jissaffa l-blat, partikolarment fil-fissuri li jinkixfu.*
*4. Jiġi armat u jingħata ħajt tal-konkos grad C30 minn fuq il-blat rinforzat b' xibka tip A503 u bi tlett vireg T12 bħala 'distribution bars' - matul din il-parti kollha tal-ħajt li tmiss mar-Rikorrenta għall-għoli kollu tal-blat - bil-konkos imiss mal-blat, wiesgħa tmintax ċentimetri (18cm) mill-ħajt diviżorju u għall-għoli kollu sakemm jitgħatta l-blat[1].*

[1] *" 2 Jiġi rilevat illi r-rampa tal-Intimat teżerċita ċertu sostenn għall-istess ħajt tal-konkos billi din tiġi ngastata fih. Qed jiġi rakkomandat li jsir xi tip ta' 'waterproofing' bejn il-qabda ta' din ir-rampa u l-ħajt "*

*5. F’ dan il-ħajt tal-konkos għandhom isiru wkoll tminn (8) vireg T20 (‘L-shape 2 piedi x 2 piedi) ingastati permezz ta’ ‘non-shrink grout’ f’ toqob tal-pulzier fil-blat li jkunu marbuta max- xibka msemmija tat-tip A503 fil-ħajt tal-konkos. Dawn it-toqob għandhom isiru bil-mitluf fuq ir-rampa, tlieta f’livell u ħamsa oħra f’livell ieħor fuq.”*

*Ix-xoghlijiet ghandhom isiru taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, a spejjez tal-intimat li ghandu b’nota fl-atti ta’ dan il-Mandat jiccertifika li dawn ix-xoghlijiet ikunu tlestew a soddisfazzjoni tieghu*."

Illi l-interpretazzjoni korretta ta' din l-ordni hija li l-mandat jibqa’ fis-sehh sakemm isiru x-xoghlijiet ordnati mill-Qorti.

Inoltre l-Qorti kienet cara u skjetta meta ordnat li x-xoghlijiet kellhom isiru taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba u kellu jiccertifika b'nota meta dawk ix-xoghlijiet tlestew.

Illi l-kompitu tal-Qorti huwa li tistharreg jekk l-intimat ma obdiex din l-ordni liema indagni,hi, fil-fehma taghha, hija wahda doppja:

1. Li saru x-xoghlijiet ordnati; u
2. Li dawn saru taht is-sorveljanza tal-Perit Saliba.

Hija biss ic-certifikazzjoni tal-Perit li hi nnominat li tista' ssalva lill-intimat.

**Rapport tal-Perit Saliba**

Din il-Qorti kellha terga' tinnomina lill-Perit Saliba sabiex jiccertifika x'gara u hu pprezenta nota f'dawn l-atti fl-1 ta' Lulju 2015 fejn iddikjara li rcieva *sms* mill-intimat il-Gimgha, 5 ta' Gunju 2015 li kien ser jibda xoghlijiet fuq il-hajt divizorju immedjatament. Ovvjament il-Perit ma setghax jwaqqa' kollox li kien qed jaghmel u jitlaq semplicement ghalhiex hekk ried l-intimat izda wiegbu li seta' jmur it-Tnejn. Jirisulta li l-intimat ma stenniehx u baqa' ghaddej u meta mar il-Perit it-Tnejn, ra li l-konkos gja inghata. Ghalhekk ma saru l-ebda xoghlijiet taht is-supervizjoni tal-Perit Tekniku. (sottolinear tal-Qorti).

**L-artikolu 873(4) tal-Kap Tnax.**

Ikkonsidrat li meta ssir riferenza ghaz-zewg sub-artikoli **873(1) u 873(4)** jidher car li l-istess ligi qed tipproponi rimedju meta l-persuna li giet ordnata sabiex tiddezisti milli tkompli taghmel ix-xoghol mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni tkompli bl-istess xoghlijiet, pendenti l-ezitu tal-proceduri fuq il-mertu inizjati mill-parti l-ohra, u dan limitatament u fis-sens jekk wara l-ghoti tal-istess digriet ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni x-xoghol jissokta, u tali xoghol ikun tali li jbiddel is-sitwazzjoni kif kienet qeghda fil-mument tal-hrug u n-notifika tal-mandat, hija tista' tordna li dak li jkun sar mill-intimat bi ksur tal-istess ordni jigi rimedjat.

Illi dan huwa manifestat mill-fatt li l-istess **subartikolu 873 (4)** jaghmel riferenza unika ghal xoghol rimedjali li ghandu jsir jew mill-intimat u fin-nuqqas mir-rikorrenti ghas-spejjez tal-initmat, sabiex il-posizzjoni tigi re-integrata fl-istat li kienet fil-mument tal-hrug tal-istess mandat kawtelatorju.

**Rapport Addizzjonali tal-Perit Saliba**

Billi l-kwistjoni hija ta' natura teknika, rega' gie mahtur il-Perit Saliba sabiex jirraporta x'hemm bzonn isir sabiex ikun jista'  jaghmel l-accertamenti li x-xoghlijiet ordnati mill-Qorti bid-digriet taghha tat-23 ta' April 2015 saru skont is-sengha u l-arti. Kellu jaccerta wkoll jekk il-kwalita' tal-konkos uzata mill-intimat huwa Grade C30. Ir-rapport tieghu jinsab esebit a fol 15 *et sequitur* tal-process.

Il-Perit tekniku kkonkluda li "*jirrizulta li x-xoghlijiet li wettaq l-intimat irrimpjazzaw sew l-ilqugh li kien jezercita l-blat li tqatta' eccessivament mill-istess intimat*" u ghalhekk fl-opinjoni tieghu l-intimat "*ghandu jissokta bix-xoghlijiet fuq il-hajt divizorju, liema xoghlijiet, (fosthom is-saqaf tal-basement) ikomplu jsahhu l-istess hajt divizorju bil-piz li huma jezercitaw.*"

Illi mill-kontenut tar-rapport jirrizulta li l-Perit ma setax jara kollox b'ghajnejh waqt li kienu qed isiru x-xogholijied ghaliex il-konkos kien gja ghaqad. Madanakollu seta' minn dak li ra, jikkonkludi li x-xoghlijiet ordnati saru minghajr devjazzjoni. Dan anke fir-rigward tas-sahha tal-konkos li gie uzat.

Meta xehed in eskussjoni[2] qal li assuma li kien gew stallati l-vireg kif ordnat ghaliex gie muri *bar schedule* mill-intimat (**DOK INT2**). Inoltre kkonstata l-*core strength* tal-konkos fuq rapport pprezentat mill-istess intimat.

In **kontro-ezami** qal li *"fil-hxuna tal-konkos u x-xibka kien hemm Il-hxuna li tidher li stajt inkejjilha, u kien hemm ix-xibka jidhirli wkoll ... li dehret doppja.."* u tghin biex ikun hemm aktar sahha. Madanakollu qal ukoll li kieku ra x-xoghlijiet isiru kien ikun hemm aktar serhan tal-mohh .

Il-Qorti taghraf li l-iskop ghan-nomina tal-Perit fid-Digriet tat-23 ta' April 2014 gie ghal kollox newtralizzat bl-agir uniaterali u abusiv tal-intimat. Da parti tar-rikorrenti, wiehed jifhem li xtaqet is-serhan tal-mohh izda dan gie impedut bl-agir tal-intimat meta ssokta bix-xoghlijiet fuq il-hajt divizorju minghajr is-sorveljanza tal-Perit tekniku.

Madanakollu l-Qorti hija soddisfatta bit-twegibiet u bir-rapport tal-Perit Tekniku u bil-konkluzjonijiet tieghu milhuqa wara li rega' spezzjona s-sit. Kien l-istess Perit li kien gharraf il-htiega li jsiru x-xoghlijiet rakkommandati u hu mistenni li ghamel l-istharrig li seta' fic-cirkostanzi ta' *fait accomplit.* Izda li kieku ma kienx soddisfatt kien jirrapporta mod iehor.

Ghaldaqstant, fid-dawl tar-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku, li qed jigi addottat minn din il-Qorti fl-intier tieghu,

[2] Seduta tat-20 ta' Ottubru 2015.

l-Qorti ser tichad it-talba u tawtorizza lill-intimat li jissokta bix-xoghlijiet tieghu.

**Dan b'ebda mod jfisser li l-intimat qed jigi ezonerat minn kwalsiasi responsabbilita' ghal danni li r-rikorrenti tista' tissubixxi b'konsegwenza tax-xoghlijiet gja maghmula u dawk li jista' jaghmel fil-proprjeta` tieghu biswit dik tar-rikorrenti.**

**Disprezz**

Illi l-Qorti ma tistax tinjora li ma saru l-ebda xoghlijiet taht is-supervizjoni tal-Perit Tekniku.

Illi dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex iqieghed lill-intimat f'disprezz tal-Qorti. Gie ivverbalizzat li r-rikorrenti mhix ser tinsisti fuq it-talba sabiex l-intimat jinsab hati ta' disprezz. Izda agir spreggjattiv jikkoncerna l-awtorita' tal-Qorti direttament u ma jiddependix fuq il-kunsens tal-partijiet sabiex jigi sanzjonat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba u tawtorizza lill-intimat biex jkompli jtella' l-hajt divizorju b'rizerva lir-rikorrenti ghal kull jedd lilha spettanti li zzomm lill-intimat responsabbli ghad-danni kollha li jistghu jigu kkagunati fil-proprjeta' taghha b'konsegwenza tax-xoghlijiet effettwati u dawk li jridu jsiru.

*30 ta' Ottubru 2015.*

Inoltre l-Qorti tqis li gie ppruvat f'dan l-istadju li wara l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi (Numru 501/2015 LSO) l-intimat personalment jew *tramite* terzi baqa' ghaddej bix-xoghlijiet imsemmija fid-digriet ossia Mandat ta' Inibizzjoni imsemmi minghajr is-sorveljanza tal-Perit nominat u b'hekk agixxa bi ksur tal-ordni espressa taghha. Ghaldaqstant hemm lok li jinbdew proceduri kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti abbazi tal-**artikolu 1003A tal-Kap 12** u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jipprocedi bil-proceduri idonei kontra l-intimat a bazi ta' l-istess artikoli tal-**Kap 12.**

**L-ispejjez jithallsu mill-Intimat.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Ottubru 2015**